MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1135/2008

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
**Vs**
**Episode Company Limited bhala debitur principali u Dennis u Louise konjugi Dowling bhala garanti solidali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fit-13 ta’ Novembru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-Bank rikorrenti ikkonceda lis-socjeta intimata Episode Company Limited facilita ta self u in forza ta’ din il-facilita l-imsemmija socjeta intimata ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta’ sittax-il elf tlett mija u disghin punt tlieta sebgha Ewro (€16,390.37) skond “statement” hawn anness u mmarkat Dok “A” bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u ghoxrin (21) ta Ottubru tas-sena elfejn u tmienja

(2008), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi permezz ta’ skrittura privata ta’ garanzija li ggib id-data tat-tnejn u ghoxrin (22) ta Mejju elf disa mija wiehed u disghin (1991) li kopja awtentikata taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “B” il-konvenuti Dennis u Louise konjugi Dowling igarantixxew solidalment mas-socjeta intimata l-hlas lura ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ tmintax-il elf sitt mija erbgha u tletin punt disgha disgha Ewro (€18634.99) (gia tmint elef liri Maltin (LM8,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi l-intimati naqsu milli jaghmlu il-pagamenti akkont skond kif pattwit;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, l-intimati baqaw inadempjenti;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1) tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu lil Bank rikorrenti s-somma ta’ sittax-il elf tlett mija u disghin punt tlieta sebgha Ewro (€16,390.37) skond “statement” hawn anness u mmarkat Dok “A” bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u ghoxrin (21) ta Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-25 ta April 2008 u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata, li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-intimati l-ohra kollha li huma ilkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat in-nota tal-konvenuti tal-4 ta' Mejju, 2009 li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ippruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti kollha, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' sittax-il elf tlett mija u disghin punt tlieta sebgha Ewro (€16,390.37) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u ghoxrin (21) ta Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------